MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Numru. 971/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND MICALLEF**

**VS**

**CHRISTINA CUSCHIERI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Christina Cuschieri detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 320388 (M).

**Akkuzata talli:**

Nhar it-13 ta` Lulju, 2012, ghal habta tat-tlieta ta` wara nofs in-nhar, f'dawn il-Gzejjer u cioe` gewwa l-fond New Look li jinsab f'Tigne` Point, ix-Xatt ta` Tigne`, Tas-Sliema, ikkommettiet serq ta` ghadd ta` hwejjeg, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u li sar ghad-deteriment ta` Kevin Grech u/jew persuni ohra.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa;

Rat l-Artikoli indikati u cioe` l-Artikoli 261 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Fuq ammissjoni dina l-Qorti qed issib lill-imputata hatja ghall-akkuza dedotta kontra taghha u ghaldaqstant tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------